**Laqgha Numru 12/K3/2000**

## Introduzzjoni

Minuti tat-Tnax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 2 t'Awissu 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-2.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Carmela Attard, Pierre Cordina u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Pierre Cordina u Carmela Attard waslu tard.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-26 ta' Lulju 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 11 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Ismijiet tat-Toroq.**
5. **Emendi tal-Konfini tal-Lokal.**
6. **Approvazzjoni tal-Kontijiet.**
7. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K3/2000.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 11/K3/2000.

1.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

2.2. Il-Kunsillier Carmela Attard inghaqdet fil-laqgha fis-2.40 pm.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-19 ta' Lulju 2000 u t-2 t'Awissu 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 46/0414/00/I | Rapport minghand il-Field Branch Services Unit rigward il-knis u qtugh tal-haxix mit-toroq. |
| 46/0415/00/I | Rapport minghand il-Field Branch Services Unit rigward l-istat tat-toroq. |
| 46/0416/00/I | Kopja t'ittra li l-Perit Samuel Formosa baghat lis-sur Rene Scicluna rigward ix-xoghol ta' l-upgrading ta' Falaise Playing Field. |
| 46/0426/00/I | Memo 49/2000 – Hlasijiet relatati mat-Tribunal Lokali. |
| 46/0430/00/I | Ittra minghand EMDP rigward ix-xoghol li ghadu ma giex iccertifikat li kien sar fl-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo. |
| 46/0444/00/I | Rapport minghand il-kumpanija GO mobile rigward l-antenna tal-mobile. |
| 46/0455/00/I | Ittra minghand in-National Audit Office jitlob il-kummenti tal-Kunsill ghall-Management Letter dwar il-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 1999/2000. |
| 46/0459/00/I | Ittra minghand id-Dipartiment tat-Toroq rigward seminar dwar l-intruduzzjoni ta' standards ghal-xoghol ta' toroq u bankini. |
| 46/0462/00/I | Memo 52/2000 – Hlasijiet relatati mat-Tribunal Lokali |
| 46/0465/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar jinfurmaw lill-Kunsill li hareg il-permess biex jiccaqilqu l-Waste Seperation Skips tal-Qasam tad-Djar San Patrizju. |
| 46/0468/00/I | Ittra minghand ic-Centru Pastorali Kristu Rxoxt rigward l-attivita' ta' nhar is-Sibt 12 t'Awissu 2000. |
| 46/0470/00/I | Ittra minghand il-Bank of Valletta jinfurmaw lill-Kunsill li l-Kumpanija Rene Scicluna estenda l-garanzija bankarja fuq talba tal-Kunsill. |
| 46/0472/00/I | Ittra minghand il-Moviment Kerygma rigward donazzjonijiet ghall-Maratona tal-Volleyball. |
| 46/0483/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar jinfurmaw lill-Kunsill li rcivew l-applikazzjoni biex jigi msebbah il-passagg li hemm bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich. |
| 46/0486/00/I | Ittra minghand l-Onorevoli Joe Mizzi rigward is-separazzjoni ta' l-iskart. |
| 46/0487/00/I | Ittra minghand Penza Group rigward dewmien biex jibda x-xoghol ta' Road Resurfacing. |
| 46/0492/00/I | Ittra minghand id-Dipartiment tat-Toroq rigward ix-xoghol ta' Misrah il-Fortizza. |
| 46/0493/00/I | Memo 51/2000 – Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali. |

3.2. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0416/00/I** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li wara li jitlesta x-xoghol fuq l-upgrading ta’ Falaise Playing Field il-kuntrattur ghandu jinghata l-penali kif stabbiliti fil-kuntratt apparti l-fatt ukoll li mil-kont ghandu jitnaqqas ix-xoghol tal-gebel fuq il-fil u dan minhabba li x-xoghol sar hazin kif irrakkomanda il-Perit Samuel Formosa.

3.3. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0444/00/I** is-Sindku Joe Zammit talab biex kopja tar-rapport li sar kemm mill-kumpanija GO Mobile kif ukoll mill-kumpanija Vodafone ghandhom jintbaghtu lill-familji li ffirmaw il-petizzjoni kontra t-twahhil ta’ l-antenna fuq Plot 197 Triq Manuel Buhagiar.

3.4. Il-Kunsillier Ray Pace talab biex isir kuntatt mal-persuna li ghamel tabelli madwar il-lokal b’riklami ghal-xoghol ta’ gebel fuq il-fil kif ukoll tal-Confectionery li fetah gdid biex dawn jitnehhew fi zmien 24 siegha.

3.5. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0468/00/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jikteb lil Dun Anton Portelli biex tingibed l-attenzjoni li l-Kunsill kien jistenna li jigi nfurmat qabel il-media bl-attivita’ li ser issir nhar is-Sibt 12 t’Awissu 2000.

3.6. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0472/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jaghmel donazzjoni ta’ Lm 20.00 lill-Moviment Kerygma ghall-Maratona tal-Volleyball.

3.7. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

3.8. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0487/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jekk idumu ma johorgu l-permessi necessarji lill-Kumpanija Penza Construction biex ikunu jistghu jibdew ix-xoghol ta’ road resurfacing il-Kunsill ghandu jestendi z-zmien stipulat fit-tender bl-istess zmien li jkun sar id-dewmien mill-Korporazzjonijiet u Dipartimenti tal-Gvern.

3.10. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0492/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li llum l-Erbgha nies mid-Dipartiment tat-Toroq kienu mmarkaw fejn gej il-fence il-gdid fil-parti ta’ Triq Cassino fejn ser titwessa. Il-kelliem qal li skond il-pjanti approvati hemm il-htiega li jitnehhew xi sigar kif ukoll li jiccaqilqu l-arbli tad-dawl. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ghada kellu jigi s-sur Joe Grech biex ikejjel kemm hemm bzonn bankini u xoghol ta’ tarmac biex eventwalment tinhareg it-tender ghall-kumplament ta’ l-area. Il-kelliem qal ukoll li t-tender ghall-bini ta’ Misrah il-Fortizza nghatat lill-kumpanija Roads Group u li x-xoghol mistenni li jinbeda wara l-btajjel ta’ Santa Marija.

3.13. Il-Kunsillier Pierre Cordina nghaqad fil-laqgha fit-3.10 pm.

3.14. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0493/00/I** gie deciz unanimament li jsir kuntatt mas-sur Vince Ghigo dwar il-possibilita’ li l-latrina li hemm fil-Gnien li hemm fi Triq Camillo Sciberras tinfetah kuljum kif ukoll li tinkiteb ittra lid-Direttur Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill joggezzjona ghall-kliem li tnizzel fir-rapport fejn intqal li l-latrina qed tinzamm maghluqa. Il-Kunsill qabel li l-ittra ghandha tkun abbazi li l-latrina tkun maghluqa meta min jiehu hsiebha jew ikun ma jiflahx jew inkella ma jinstabx releaver minn post iehor apparti l-

fatt ukoll li l-Kunsill ma jarax in-necessita li din tkun miftuha waqt il-hinijiet ta' filghodu minhabba l-fatt li l-gnien ma jkunx frekwentat f'dawk il-hinijiet.

## 4. Ismijiet tat-Toroq.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tal-Kunsillier Ray Pace bhala l-Kunsillier responsabbli mill-ismijiet tat-toroq kif ukoll bhala proponent tal-mozzjoni.

4.2. Il-Kunsillier Ray Pace qal li wara li wizen il-kummenti li saru mir-residenti fejn jikkoncerna l-bdil fl-isem ta' Misrah il-Paci u parti mit-Triq Patri Indri Vella hu kien ta' l-opinjoni li l-oggezzjonijiet li saru kienu minimi bhala ammont ta' residenti li ser jigu affetwati u ghalhekk kien ta' l-opinjoni li l-Kunsill ghandu jibdel l-ismijiet kif proposti. Fir-rigward ta' Triq il-Kurunell Lorenzo Manche l-kelliem qal li minhabba l-fatt li kwazi r-residenti kollha kienu kontra dan il-bdil ma jarax li l-Kunsill ghandu jmur kontra x-xewqa tar-residenti izda l-Kunsill ghandu jirriserva d-dritt li jekk id-Door Numbering Unit jinsisti li ghandhom jinbidlu n-numri tad-djar il-Kunsill ghandu jerga jikkunsidra li jkun hemm tibdil fl-isem tat-Triq ukoll.

4.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li hu kien jaqbel ma dak li kien qed jghid il-Kunsillier Ray Pace anzi zied li fir-rigward ta' Triq Misrah il-Paci llum aktar minn qabel dan l-isem ma jaghmilx sens minhabba l-fatt li m'ghadx hemm Misrah izda Triq.

4.4. Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-ismijiet tat-toroq ghandhom jinbidlu kif diga indikat ghajr dik ta' triq il-Kurunell Lorenzo Manche fejn il-Kunsill jirriserva d-dritt li jibdel l-isem tat-triq kemm il-darba jkunu ser jinbidlu n-numri tad-djar. **( Ara Appendici A )**

4.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.7. Fl-3.50 pm is-Sindku Joe Zammit talab sospenzjoni tal-laqgha biex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mas-sur Ray Mizzi rigward l-antenna li saret fuq Plot 197 Triq Manuel Buhagiar PA 0019/00 .

4.8. Il-laqgha tkompliet fl-4.05 pm.

## 5. Emendi tal-Konfini tal-Kunsill.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien wasal iz-zmien fejn il-Kunsill isemma lehnu dwar it-talba fil-bdil tal-konfini li ilha pendenti ghal numru ta' snin. Il-kelliem talab lill-Kunsillier Ray Pace biex jaghmel il-kummenti tieghu.

5.2. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li tinkiteb ittra lill-Kummissarju Ufficcju Elettorali fejn dan jinghata xahar zmien biex iwiegeb it-talba tal-Kunsill kif ukoll li tinkiteb ittra lill-Onorevoli Prim Ministru fejn dan ghandu jigi nfurmat bil-korrispondenza kollha li ghaddiet kif ukoll jintalab l-intervent tieghu biex tissolva din il-problema. Il-kelliem ppropona li jekk ma tinstabx soluzzjoni il-Kunsill ghandu jfittex mezzi ohra biex jaghmel il-kaz tieghu.

5.3. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

5.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Approvazzjoni tal-kontijiet.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet. **( Ara Appendici B )**

9.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

9.2. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Materji Ohra.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Bord li jikkontrolla t-traffiku biex it-Triq li minn Juno Flats taghti ghal Triq Tunis ssir One Way ma tistax tinzel lejn Triq Tunis mhux kif tinsab illum.

7.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4. Is-Sindku Joe Zammit ppropona biex tigi modifikata l-entratura ta' Triq Don Luigi Rigord minnaha ta' Triq Burma u dan minhabba periklu li hemm specjalment quddiem plot 20.

7.5. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.7. B'riferenza ghall-pjanta li saret biex isir upgrading tal-fetha li hemm bejn Triq Burma, Triq il-Fortizza u Triq Luigi Billion, il-Kunsillier Ray Pace ppropona li kull m'ghandu jsir huwa retaining wall u bankina kif ukoll li jinzerghu sigar taz-zebbug 20 pied il-gewwa minn mal-hajt. Il-kelliem qal li ma kienx jaqbel li jsiru gallarijiet minhabba li dawn jinvolvu spiza kbira. Il-kelliem qal li jekk l-ispiza ma tkunx kbira ma kienx isib oggezzjoni.

7.8. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.10. Gie deciz ukoll li jekk hemm bzonn li jinqalghu xi sigar taz-zebbug li hemm fuq il-gibjun li hemm fi Triq Burma dawn ghandhom jinqalghu fl-istagun taghhom.

7.11. Bl-approvazzjoni unanima tal-Kunsill il-Kunsillier Ray Pace ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jaghmel donazzjoni ta' Lm 50.00 biex jinxtara ajruplan mill-Muzew Militari liema flus ghandhom jinhargu mill-fond tar-restawr ta' Pembroke Battery. **( Ara Appendici C )**

7.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.14. Il-Kunsillier Ray Pace lmenta li numru ta' bejjiegha ta' frott, haxix, gas, hobz ecc qed jiksru l-paci pubblika kontinwament fil-lokal bid-daqq esegerat tal-hornijiet ta' l-arja. Il-kelliem talab biex jittiehdu passi kontra dawn il-persuni.

7.15. Gie deciz unanimament li l-Kunsill jikteb ittra ufficcjali lil kull min qed jikser il-ligi b'dan il-mod.

7.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsilliera l-informazzjoni kollha possibbli nkluz isem, kunjom u ndirizz biex wara tkun tista' tinkiteb l-ittra ufficcjali.

7.17. B'riferenza ghat-talba tal-Luxol il-Kunsillier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni biex issir l-attivita' sakemm id-daqq jieqaf qabel il-11.00 pm, ikun hemm parking organizzat fl-ex parade ground, il-parkegg jitnaddaf wara l-attivita' kif ukoll li jithalla access liberu lir-residenti ta' l-akwati.

7.18. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

7.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.20. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ressaq kwotazzjoni minghand is-sur Mario Abdilla ghal-xoghol ta' dawl fil-gnien.

7.21. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li l-kwotazzjoni ma tigiex accettat minhabba li l-prezzijiet kienu gholjin wisq.

7.22. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li tigi emendata l-pjanta tax-xoghol li qed isir quddiem Blokk 4 Qasam tad-Djar Sant Andrija u dan biex ikun hemm aktar spazju ta' parking kif ukoll ppropona l-approvazzjoni tal-pjanta ppreparata mil-Perit Samuel Formosa ghal-upgrading tat-triq u parking spaces li hemm wara l-gnien ta' Falaise.

7.23. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.25. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien inqata' l-haxix kollu tat-triq il-gdida liema xoghol sar mill-handyman tal-Kunsill bil-makkinarju tal-Kunsill. Il-kelliem qal li l-ispejjez biex sar dan ix-xoghol ser jithallsu mid-Dipartiment tat-Toroq. Il-kelliem qal ukoll Ii l-handyman tal-Kunsill is-sur William Borg bhala apprezzament qata' parti kbira mill-haxix li hemm bejn Triq Tunis u t-triq il-gdida u dan minghajr hlas.

7.26. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Gimgha 11 t'Awissu kienu ser isiru l-interviews lit-tieni grupp ta' persuni skond kif intbaghtu mill-ETC.

7.27. Il-Laqgha ntemmet fil-5.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 6 ta' Settembru 2000 fis-2.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |